# Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti 2016

Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew

PE 605.750/BUR/ANN.

## DAĦLA

Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni ilhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fil-pussess tagħhom sa mit-3 ta' Diċembru 2001.

Skont l-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament: *"Kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifjuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru."*

Skont l-Artikolu 116(6) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, il-Bureau tal-Parlament għandu jadotta r-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

## DWAR IL-METODOLOĠIJA

Ir-rapport annwali tal-2016 tal-Parlament Ewropew huwa mħejji abbażi tal-metodoloġija li ġejja:

- Iċ-ċifri dwar dokumenti kkonsultati u mitluba jirreferu għal dokumenti speċifikati biss.
- L-applikazzjonijiet għal numri kbar ħafna jew numri indefiniti ta' dokumenti, li l-istituzzjoni ma setgħetx tidentifika, mhumiex riflessi fl-istatistika dwar id-dokumenti mitluba.
- Iċ-ċifri dwar l-applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti jqisu ż-żewġ tipi ta' applikazzjonijiet, għal dokumenti speċifikati u għal numru indefinit ta' dokumenti.
- Id-deċiżjonijiet ta' aċċess parzjali jingħaddu bħala reazzjonijiet pożittivi.
- L-applikazzjonijiet konfermatorji jistgħu jirrelataw jew ma' rifjut jew ma' deċiżjonijiet inizjali ta' aċċess parzjali.
- Is-sena ta' applikazzjoni konfermatorja hija ddeterminata mill-jum ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni inizjali korrispondenti.

# INDIĊI

*Sinteżi eżekuttiva* ..... 4

*KAPITOLU 1 Implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2016* ..... 5

A) Kontenut tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament ..... 5

B) Ċifri dwar dokumenti kkonsultati u mitluba ..... 6

*B.1) Dokumenti kkonsultati direttament* ..... 6

*B.2) Dokumenti mitluba permezz tal-formola ta' applikazzjoni onlajn jew permezz ta' email* 7

C) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet ..... 8

D) Il-profili tal-applikanti ..... 11

*KAPITOLU II Xejriet u kwistjonijiet speċifiċi* ..... 13

A) Il-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ..... 13

B) Talbiet għall-aċċess tad-dokumenti relatati mal-pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċji tal-Membri ..... 15

C) Applikazzjonijiet għal numru indefinit ta' dokumenti ..... 16

*KAPITOLU III Id-deċiżjonijiet u l-Każistika tal-Ombudsman Ewropew* ..... 19

1. Id-deċiżjoni tal-Ombudsman li tagħlaq l-ilment 1189/2016/JN ..... 19

2. Eżami Ġuridiku ..... 19

*Kummenti Finali* ..... 20

# Ir-Rapport Annwali tal-Parlament Ewropew dwar l-Aċċess Pubbliku tad-Dokumenti - 2016 (l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001)

## *Sinteżi eżekuttiva*

*Ċifri*

- In-numru ta' referenzi tad-dokumenti fir-reġistru pubbliku kompla jikber. Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-bażi tad-data tar-reġistru kien fiha 647 903 referenzi, meta mqabbla mas-606 256 sal-aħħar tas-sena ta' qabel.
- Fl-2016, l-utenti tas-sit web tar-reġistru pubbliku tal-Parlament ikkonsultaw 118 980 dokument direttament permezz tar-reġistru. Aktar minn miljun dokument ġew aċċessati permezz ta' pjattaformi oħra. Matul l-istess perjodu, il-Parlament irċieva, permezz ta' formola ta' applikazzjoni onlajn jew b'email, 499 applikazzjoni li jinvolvu 802 dokumenti speċifikati, żieda ta' 7% meta mqabbel mal-2015.
- Mill-499 applikazzjoni, 136 involvew dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati lill-pubbliku.
- Fl-2016 ir-rata globali ta' reazzjonijiet pożittivi qabżet il-95 %.
- Il-Parlament irrifjuta li jagħti aċċess f'23 każ, prinċipalment b'rabta mal-applikazzjonijiet għad-dokumenti relatati mal-Membri.

*Xejriet*

- Fl-2016, iċ-ċifri għall-applikazzjonijiet għal numru kbir ħafna jew numru indefinit ta' dokumenti (applikazzjonijiet li saru għad-"*dokumenti kollha relatati ma'* " suġġett partikolari, "*id-dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar*" tema partikolari, jew għal dokumenti li jkopru ċertu perjodu ta' żmien eċċ) kibru b'31 % meta mqabbla mas-sena preċedenti. Din hija żieda sinifikanti iżda mhux drammatika daqs dak li seħħ bejn l-2014 u l-2015, meta ċ-ċifri żdiedu bi tliet darbiet.
- F'dak li għandhom x'jaqsam ix-xejriet, is-sena 2016 rat interess partikolari min-naħa tal-applikanti f'dokumenti relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej, l-infiq u l-benefiċċji tal-Membri, kif ukoll l-attivitajiet tal-Membri tar-Renju Unit maż-żmien tar-referendum dwar is-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni Ewropea. L-interess pubbliku fid-dokumenti dwar negozjati ta' ftehim bikri fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva baqa' qawwi.
- Bi tliet applikazzjonijiet konfermatorji matul is-sena, ir-rata ta' applikazzjoni konfermatorja baqgħet relattivament baxxa.

**KAPITOLU 1**
***Implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fl-2016***

## *A) Kontenut tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament*

Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament ġie stabbilit fl-2002 bl-għan li tiżdied aktar it-trasparenza u jsir aktar faċli għall-pubbliku sabiex jaċċessa d-dokumenti tal-Istituzzjoni, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Ir-reġistru jiġbor fil-biċċa l-kbira tiegħu referenzi għad-dokumenti leġiżlattivi. Madankollu, fejn hu possibbli, kategoriji ta' dokumenti oħrajn isiru wkoll direttament disponibbli.

In-numru ta' referenzi tad-dokumenti kiber kull sena. B'żieda ta' 7 % fuq is-sena ta' qabel, sal-31 ta' Diċembru 2016, in-numru ta' referenzi tad-dokumenti fil-bażi tad-data tar-reġistru laħaq is-647 903 (li b'kollox jirrappreżentaw 4 175 092 dokument, filwaqt li jitqiesu l-bosta verżjonijiet tal-lingwi). Fir-reġistru pubbliku ma ġie rreġistrat l-ebda dokument sensittiv, fit-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

*(Fig. 1)* ***Evoluzzjoni tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament***



***B)  Ċifri dwar dokumenti kkonsultati u mitluba***[1]

F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jipprevedi li kemm jista' jkun l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu d-dokumenti tagħhom direttament aċċessibbli, madwar 95 % tad-dokumenti fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament jistgħu jitniżżlu direttament mis-sit web[2]. Dawk li ma jistgħux jiġu direttament ikkonsultati, jistgħu jsiru disponibbli fuq talba permezz tal-formola ta' applikazzjoni onlajn[3] jew permezz ta' email.

***B.1)  Dokumenti kkonsultati direttament***

Fl-2016, 118 980 dokument ġew ikkonsultati direttament fuq is-sit web tar-reġistru pubbliku tal-Parlament. Dik iċ-ċifra ma tqisx il-konsultazzjonijiet li saru permezz ta' pjattaformi oħra marbuta mal-bażi tad-data tar-reġistru, inklużi l-kumitati parlamentari u l-paġni web tal-Gruppi ta' Riflessjoni tal-Parlament.

It-tipi ta' dokumenti l-aktar ikkonsultati fuq is-sit web tar-reġistru pubbliku tal-Parlament kienu (f'ordni mill-kbir għaż-żgħir): mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub (22.4 %), tweġibiet għall-mistoqsijiet (20.9 %), testi adottati (6.2 %), dokumenti riċevuti mill-Kummissjoni Ewropea (2.4 %).

*(Fig. 2)* ***Numru ta' dokumenti kkonsultati fuq ir-reġistru pubbliku tas-sit web tad-dokumenti***




[1] Dawn iċ-ċifri jirreferu għad-dokumenti speċifikati biss
[2] http://www.europarl.europa.eu/RegistreWeb/search/simpleSearchHome.htm?language=EN
[3] https://www.secure.europarl.europa.eu/RegistreWeb/requestdoc/secured/form.htm?language=EN

### *B.2) Dokumenti mitluba permezz tal-formola ta' applikazzjoni onlajn jew permezz ta' email*

Fl-2016, 802 dokumenti speċifikati ġew mitluba lill-Parlament permezz tal-formola ta' applikazzjoni onlajn jew permezz ta' email. Dan jirrappreżenta żieda ta' 7 % meta mqabbel mal-ammont ta' dokumenti speċifikati mitluba s-sena ta' qabel.

Bħal fi snin ta' qabel, iċ-ċifra ma tqisx l-applikazzjonijiet għall-aċċess għal numru indefinit ta' dokumenti, bħat-talbiet għall-aċċess tad-"*dokumenti kollha relatati ma'* " suġġett partikolari, "*id-dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar*" tema partikolari, eċċ. Id-dokumenti kkonċernati minn dawn l-applikazzjonijiet ma jistgħux jiġu kwantifikati għal skopijiet ta' statistika.

*(Fig. 3)* ***Numru ta' dokumenti speċifikati mitluba permezz tal-formola ta' applikazzjoni onlajn jew permezz ta' e-mail***



## C) Ċifri dwar l-applikazzjonijiet

Fl-2016, il-Parlament irċieva 499 applikazzjoni permezz tal-formola ta' applikazzjoni onlajn jew permezz ta' email. 345 minnhom ikkonċernaw dokumenti speċifikati, filwaqt li 147 ikkonċernaw numru indefinit ta' dokumenti u seba' kkonċernaw konsultazzjonijiet interistituzzjonali skont il-"Memorandum ta' Qbil"[4].

Huwa tajjeb li jiġi enfasizzat li fis-sena 2015, l-ammont ta' applikazzjonijiet għal numru indefinit ta' dokumenti żdied b'31 %. Kważi 30 % tal-applikazzjonijiet kollha rċevuti fl-2016 talbu aċċess jew għad-"*dokumenti kollha relatati ma'* " suġġett partikolari jew "*id-dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar*" tema partikolari.

Mill-499 applikazzjoni li rċieva fl-2016, il-Parlament irrisponda b'mod pożittiv fi 476 każ, hekk kif ta aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba fi tmien każijiet.

*(Fig. 4)* ***Numru ta' applikazzjonijiet u tweġibiet pożittivi***




Barra minn hekk, mill-499 applikazzjoni rċevuti fl-2016, 136 talba involvew dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati lill-pubbliku.

Il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet għal dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati kkonċernaw il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-gruppi politiċi fil-Parlament (20 %), id-dokumenti tal-Membri (18 %), il-korpi politiċi (17 %), l-amministrazzjoni u l-

[4] Il-Memorandum ta' Qbil, iffirmat fid-9 ta' Lulju 2002, bejn is-servizzi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

akkwist pubbliku tal-Parlament (16 %), l-opinjonijiet ġuridiċi (6 %) u d-dokumenti ta' trilogu (5 %).

Fl-2016, il-Parlament wieġeb b'mod pożittiv 113-il darba minn 136 applikazzjoni għal dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati.

*(Fig. 5)* ***Numru ta' applikazzjonijiet għal dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati u tweġibiet pożittivi***




Fl-2016, il-Parlament irrifjuta l-aċċess pubbliku tad-dokumenti fi 23 każ permezz ta' deċiżjoni mill-awtorità kompetenti.

Tliet applikazzjonijiet konfermatorji[5] ġew diskussi wara li kien hemm rifjuti fl-istadju inizjali. Fit-tliet każijiet, il-Parlament ikkonferma l-pożizzjoni inizjali tiegħu.

12 mit-23 rifjut ikkonċernaw dokumenti relatati mal-Membri; erba' rifjuti kienu relatati mal-finanzjament ta' partiti politiċi u l-oħrajn ikkonċernaw rispettivament kawża pendenti dwar trilogi, kwistjonijiet ta' akkwist (żewġ każijiet), sigurtà tal-IT tal-Parlament (żewġ każijiet), opinjoni ġuridika mis-Servizz Legali u dokument tal-Kummissjoni li nżammu mill-Parlament.

[5] L-applikazzjonijiet konfermatorji jistgħu jirrelataw ma' rifjut totali jew aċċess parzjali (Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001).

*(Fig. 6)* ***Numru ta' applikazzjonijiet għal dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati u rifjuti***




Bħall-2015, ir-rifjuti ta' din is-sena kienu essenzjalment ibbażati fuq il-bżonn li tiġi protetta l-privatezza u l-integrità tal-individwi (punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001), l-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika (Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001), il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni (Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) u l-protezzjoni tal-opinjonijiet ġuridiċi (Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001).

*(Fig. 7)* ***Rata ta' użu ta' eċċezzjonijiet skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001***



Bħala konklużjoni, ir-rata ta' tweġibiet pożittivi tal-Parlament fl-2016 baqgħet għolja, b'rata globali ta' tweġibiet pożittivi ta' madwar 95 %, u rata ta' tweġibiet pożittivi għal applikazzjonijiet li jinvolvu dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati ta' 83 %.

### D) Il-profili tal-applikanti[6]

L-akkademiċi u r-riċerkaturi komplew jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' applikanti b'aktar minn 50 % tal-applikanti li jappartjenu għal din il-kategorija, segwit mis-settur tan-negozju, l-organizzazzjonijiet ambjentali u rappreżentanti oħra ta' interess, li flimkien jammontaw għal madwar 15 % tal-applikazzjonijiet. Fl-2016, numru sinifikanti ta' talbiet ġew mill-ġurnalisti (7 %), li jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' applikanti għal dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati, filwaqt li l-proporzjon tat-talbiet mill-avukati baqa' stabbli b'madwar 10 %.

Fir-rigward tal-firxa ġeografika ta' applikazzjonijiet fost l-Istati Membri, il-mudell għall-2016 kien simili għal dak li ġie osservat fi snin preċedenti. Madwar 32 % tal-applikanti kienu bbażati fil-Belġju, segwit (f'ordni mill-kbir għaż-żgħir) mill-Ġermanja (13 %), Franza (8 %), Spanja (8 %) u l-Italja (6 %). In-numru ta' applikazzjonijiet minn pajjiżi terzi ammonta għal madwar 5.3 % tat-total.

Fl-2016, l-Ingliż baqa' l-ilsien l-aktar użat għall-applikazzjonijiet (58 %), segwit mill-Ġermaniż (12 %), il-Franċiż (11 %) u l-Ispanjol (4 %) skont mudelli simili bħal fis-snin preċedenti.

**/ *Profili tal-applikanti għall-aċċess tad-dokumenti fl-2016*[7]**

*(Fig. 8a)* ***Nazzjonalità***




6 Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikanti fl-applikazzjonijiet tagħhom qiegħda tingħabar data dwar il-profil tal-applikanti. Madankollu, peress li r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma jirrikjedix li l-applikanti jipprovdu informazzjoni dwar l-identità tagħhom, ċertu numru ta' applikanti fil-fatt jagħżlu li ma jiżvelawx l-impjieg tagħhom; dan huwa l-każ b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet ippreżentati permezz ta' email

7 © ta' ritratti fil-graffs: salem / Fotolia - kebox / Fotolia- Pekchar / Fotolia - DIDEM HIZAR / Fotolia - Claudio Divizia / Fotolia - ravennka / Fotolia - photolars / Fotolia - Becky Stares / Fotolia - Sylvie Bouchard / Fotolia - atScene / Fotolia - Seraphim Vector / Fotolia- valentint / Fotolia - quka / Fotolia - Gstudio Group / Fotolia - mostafa fawzy / Fotolia - BERLINSTOCK / Fotolia - Double-J Design - Unjoni Ewropea

*(Fig. 8b)* ***Professjoni***




*(Fig. 8c)* ***Lingwa***



## KAPITOLU II
***Xejriet u kwistjonijiet speċifiċi***

Is-sena 2016 kienet ikkaratterizzata minn interess partikolarment qawwi mill-ġurnalisti u ċ-ċittadini b'mod ġenerali fl-aċċess tad-dokumenti tal-Parlament relatati mal-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u l-pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċji tal-Membri. Is-sena hija distinta wkoll għar-rata tal-applikazzjoni bla preċedent tagħha li tfittex aċċess għal numri kbar ħafna jew indefiniti ta' dokumenti.

### *A) Il-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej*

In-numru ta' applikazzjonijiet għal dokumenti relatati mal-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej kiber mas-snin, għaliex il-pubbliku sar aktar u aktar konxju dwar l-eżistenza ta' dawn l-organizzazzjonijiet u r-rwol prominenti tal-Parlament fil-ġestjoni tagħhom. Sa fejn huma kkonċernati t-talbiet għal dokumenti li ma ġewx preċedentement divulgati, b'20 % tan-numru totali ta' talbiet, il-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi kien l-aktar suġġett jaħraq tal-2016. Allegazzjonijiet ta' użu ħażin ta' flejjes għal għotjiet minn ftit partiti u fondazzjonijiet fil-passat qdew il-parti tagħhom fix-xejra, fil-probabbiltajiet kollha, kif ukoll l-adozzjoni relattivament riċenti ta' regolamenti ġodda fil-kwistjoni.

Id-dokumenti dwar il-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi huma primarjament dawk li huma ppreżentati lill-Parlament jew prodotti minnu skont ir-regoli dwar dik il-kwistjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003[8] stabbilixxa l-qafas legali li permezz tiegħu l-organizzazzjonjiet jistgħu jiksbu l-istatus tal-partit jew il-fondazzjoni politiċi Ewropej u jingħataw finanzjament mill-baġit tal-Unjoni Ewropea. Dak ir-Regolament mhux se jibqa' japplika mal-għeluq tal-eżerċizzju finanzjarju tal-2016 u qed jiġi sostitwit bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014[9]. Imbagħad, b'mod partikolari hemm ukoll id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Marzu 2004[10] li tistabbilixxi l-proċedura skont liema l-Parlament għandu jiġġestixxi l-finanzjament reali tal-partiti u l-fondazzjonijiet.

Tliet tipi ta' talbiet għall-aċċess tad-dokumenti dwar il-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi li jistħoqqilhom jiġu diskussi f'dan ir-rapport: it-talbiet għall-aċċess tad-dokumenti ppubblikati fuq il-paġna web tal-Parlament iddedikata għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, dawk għall-aċċess sabiex jiġu pprovduti applikazzjonijiet mill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi, u dawk għall-aċċess tan-noti tal-Bureau dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi.

*Il-paġna web tal-Parlament iddedikata lill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej*

[8] Ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom, ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1-4

[9] Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, ĠU L 63, 4.3.2014, p. 1-34

[10] Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Marzu 2004 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom, ĠU C 63, 4.3.2014, p. 1-34

Skont l-Artikolu 9a tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003, il-Parlament huwa marbut li jippubblika rapport annwali b'tabella tal-ammonti mħallsa lil kull partit u fondazzjoni Ewropew/Ewropea, ir-rapport tal-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, u d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tiegħu. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, dawk id-dokumenti jittellgħu fuq paġna web dedikata[11]. Madankollu, sabiex tiżdied it-trasparenza, il-Parlament imur lil hinn mill-obbligi ġuridiċi u jippubblika verżjoni speċifika tar-rapporti finali tal-partiti u l-fondazzjonijiet. Il-verżjoni ppubblikata tar-rapporti finali tinkludi dikjarazzjoni finanzjarja finali tal-infiq eliġibbli li fil-fatt iġġarrab, abbażi tal-istruttura tal-baġit provviżorju, sommarju komprensiv tad-dħul u l-infiq li jikkorrispondi għall-kontijiet għall-perjodu ta' eliġibbiltà kopert mid-deċiżjoni ta' għoti, u rapport dwar awditu estern tal-kontijiet imwettqa minn awditur indipendenti, li jiċċertifika li l-għotja ntużat f'konformità mar-regoli.

Madankollu, possibbilment minħabba li mhumiex konxji tas-sit web jew għaliex il-fatt li joqogħdu jfittxu għas-suġġett ta' interess tagħhom jieħu l-ħin, fl-2016, numru sinifikanti ta' applikanti ppreżentaw applikazzjonijet għall-aċċess pubbliku ta' dawk id-dokumenti speċifiċi. F'dawk il-każijiet, bi tweġiba għat-talbiet, il-Parlament normalment irrefera lill-applikanti għall-paġna web u pprovdielhom l-iperlinks li jwasslu għad-dokumenti mitluba.

*Talbiet għall-aċċess ta' applikazzjonijiet għal għotjiet*

Sabiex jirċievu finanzjament mill-baġit tal-Unjoni Ewropea sabiex jiffinanzjaw il-funzjonament tagħhom matul eżerċizzju finanzjarju, il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi għandhom japplikaw għal għotja qabel ma jibda l-eżerċizzju. Fl-applikazzjonijiet tagħhom, l-organizzazzjonijiet għandhom juru li huma jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003, u wkoll, b'mod importanti, jistabbilixxu l-pjanijiet tagħhom għall-eżerċizzju finanzjarju li jmiss, inklużi l-għanijiet politiċi u l-attivitajiet ippjanati tagħhom.

Id-dettalji tal-applikazzjonijiet għal għotjiet u s-sensittività tal-informazzjoni li huma jinkludu huma tali li, fejn id-divulgar ta' applikazzjoni huwa mitlub skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-Parlament normalment isib li dawn ma jistgħux jiġu divulgati mingħajr ma jiġu kompromessi l-għanijiet u l-attivitajiet ewlenin tal-organizzazzjoni. Bħala konsegwenza, l-aċċess għall-applikazzjonijiet għal għotjiet għandu jiġi rifjutat sabiex jiġu protetti l-interessi kummerċjali tal-partiti jew tal-fondazzjonijiet, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

*Talba għall-aċċess tan-noti tas-Segretarju Ġenerali għall-Bureau*

Għall-ħabta tal-bidu ta' kull eżerċizzju finanzjarju, l-applikazzjonijiet għal għotjiet tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej huma vvalutati mis-servizzi rilevanti tal-Parlament. Dik il-valutazzjoni hija mqassra f'nota mis-Segretarju Ġenerali dwar l-allokazzjoni ta' għotja. In-nota mbagħad tiġi ppreżentata lill-Bureau sabiex hu jiddeċiedi dwar ammont ta' għotja provviżorja għal kull partit u fondazzjoni li jinstabu jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà. B'mod simili, wara t-tmiem tal-eżerċizzju finanzjarju, il-partiti u l-fondazzjonijiet għandhom jagħmlu rapport finali mal-Parlament dwar l-użu tal-għotja provviżorja tagħhom. Dawk ir-

[11] http://www.europarl.europa.eu/contracts-and-grants/en/20150201PVL00101/Political-parties-and-foundations

rapporti huma min-naħa tagħhom imqassra f'nota ppreżentata lill-Bureau u mbagħad tittieħed deċiżjoni dwar l-ammont finali ta' għotja.

Fl-2016, il-Parlament irċieva ħafna talbiet għall-aċċess ta' tali noti, li kienu relatati jew mal-eżerċizzju finanzjarju tal-2016 jew mal-eżerċizzji finanzjarji preċedenti. Aċċess pubbliku tan-noti ngħata jew ġie rifjutat, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, fuq bażi ta' każ b'każ, skont il-kontenut tagħhom, kif stabbilit mill-ġurisprudenza stabbilita. Dawk in-noti jista' jkun fihom kunsiderazzjonijiet legali rigward l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Minbarra dan, wieħed mid-dmirijiet tas-Segretarju Ġenerali huwa li jassisti l-Bureau fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u sabiex jipprovdih b'parir u informazzjoni ta' sfond kompluta dwar id-deċiżjonijiet li għandu jieħu. Għalhekk, fejn il-Parlament sab li d-divulgar pubbliku ta' nota lill-Bureau jikkomprometti l-kapaċità tal-istituzzjoni li tfittex parir legali mis-servizzi tiegħu jew jimmina serjament il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni, l-aċċess għan-nota rilevanti ġie rrifjutat.

### B) *Talbiet għall-aċċess tad-dokumenti relatati mal-pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċji tal-Membri*

Ix-xejra 'l fuq għall-applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti relatati mal-Membri kompliet fl-2016. Madwar 18 % tal-applikazzjonijiet kollha għal dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati kienu jappartjenu għal dik il-kategorija. Il-maġġoranza ta' dawn l-applikazzjonijiet iffukaw fuq il-pretensjonijiet tal-infiq u l-benefiċċji tal-Membri. L-applikanti interessati fl-aċċess ta' dawn id-dokumenti normalment għandhom l-għan li jiżguraw kontroll pubbliku fuq l-infiq tal-fondi pubbliċi, sabiex jiġu ddivulgati irregolaritajiet finanzjarji possibbli, u jikkontribwixxu għad-dibattitu pubbliku dwar il-funzjonament tal-Parlament. Talbiet oħra jikkonċernaw dokumenti relatati mal-attività tal-Membri fil-kapaċità politika tagħhom.

*Il-prattika tal-Parlament*

Fl-indirizzar tal-applikazzjonijiet għall-aċċess tad-dokumenti relatati mal-Membri, il-Parlament ta' spiss japplika l-Artikolu 116(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament u l-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar il-protezzjoni tal-privatezza. Qed jitqiesu wkoll il-linji gwida tal-Bureau tal-20 ta' Frar 2008 abbozzati abbażi tal-aħjar prattiki osservati fil-parlamenti nazzjonali.

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti japplika primarjament għad-dokumenti li saru mit-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea: il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Il-Parlament jikkunsidra li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, hemm separazzjoni organika bejn il-Membri eletti tiegħu u l-Istituzzjoni nnifisha.

F'konformità ma' dak il-prinċipju, l-Artikolu 116(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jipprevedi li, għall-fini ta' aċċess tad-dokumenti, id-dokumenti mfassla mill-Membri individwali huma dokumenti tal-Parlament biss jekk jiġu diskussi skont ir-Regoli ta' Proċedura. Dan ifisser li d-dokumenti personali tal-Membri, inklużi l-iskambji tal-emails tagħhom, l-aġendi, l-ittri mħejjija jew riċevuti minnhom jew in-noti interni m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala "dokumenti tal-Parlament" u, li għalhekk il-Parlament mhuwiex f'pożizzjoni li jagħti aċċess għal dawn id-dokumenti meta huma mitluba, għaliex dawn ma jinżammux mill-Istituzzjoni u jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Madankollu, numru konsiderevoli mid-dokumenti mitluba li jikkonċernaw il-Membri tal-Parlament huma fil-fatt dokumenti tal-Parlament, jew għaliex ġew ippreżentati lil jew maħruġa mill-Istituzzjoni. F'dawk il-każijiet, meta jiġi vvalutat id-divulgar ta' dokument, il-Parlament joqgħod attent ħafna għall-privatezza u l-integrità tal-Membri. Fil-fatt, il-maġġoranza tad-dokumenti kkonċernati mit-talbiet relatati mal-pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċji tal-Membri fihom informazzjoni ta' natura privata u sensittiva. Normalment, fejn l-applikant ma jurix il-bżonn li jkollu data personali ttrasferita lilhom skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001[12], il-Parlament jirrifjuta aċċess għad-dokument abbażi tal-bżonn li jipproteġi l-privatezza u l-integrità tal-individwi, kif huwa stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Fl-2016, il-Parlament wieġeb lill-applikazzjonijiet kollha għall-aċċess tal-pretensjonijiet tal-benefiċċji tal-Membru fuq il-bażi ta' dispożizzjoni waħda diskussa hawn fuq jew it-tnejn li huma.

L-approċċ tal-Parlament sabiex jiġu aċċessati d-dokumenti huwa appoġġjat mil-linji gwida deċiżi mill-Bureau fl-20 ta' Frar 2008 fuq il-bażi tal-aħjar prattiki osservati fil-parlamenti nazzjonali. Skont dawk il-linji gwida, tqassim dettaljat tal-ammonti li fil-fatt tħallsu lil Membri individwali ma jsirux pubbliċi, għalkemm il-Membri jibqgħu liberi li jiddivulgaw l-informazzjoni li huma jixtiequ jaqsmu mal-pubbliku.

*Ir-referendum dwar is-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni Ewropea*

Hekk kif ir-referendum dwar is-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni Ewropea beda joqrob, il-Parlament rċieva xi talbiet għall-aċċess tal- pretensjonijiet ta' nfiq u benefiċċi tal-Membri Brittaniċi u b'mod aktar speċifiku tal-Membri UKIP. It-talbiet ġew ittrattati mill-Parlament bl-istess mod li bih jiġu pproċessati talbiet simili mhux relatati mar-referendum.

### C) Applikazzjonijiet għal numru indefinit ta' dokumenti

Kif diġà ssemma fir-rapport tal-2015, fis-snin riċenti ġiet osservata xejra li qed tikber ta' applikazzjonijiet li qed jitolbu aċċess għal numru kbir jew indefinit ta' dokumenti, bħal applikazzjonijiet magħmula għad-"*dokumenti kollha relatati ma'* " suġġett partikolari, "*id-dokumenti kollha li fihom informazzjoni dwar*" tema partikolari. Fl-2015, l-ammont ta' applikazzjonijiet għal numru indefinit ta' dokumenti żdied b'mod qawwi u żdied bit-triplu fl-2014, u dan jirrappreżenta 25 % tat-talbiet kollha għad-dokumenti matul is-sena. Fl-2016 in-numru totali ta' din it-talba żdied b'31 % oħra meta mqabbel mal-2015.

Dawn it-talbiet ta' spiss isiru permezz ta' portali pubbliċi, bħas-sit web *AsktheEU.org* li jipprovdi sistema awtomatika ta' ġenerazzjoni ta' indirizzi tal-email ad hoc għas-sottomissjoni ta' talbiet għall-aċċess ta' dokumenti lill-istituzzjonijiet tal-UE, mingħajr ma jirrikjedu lill-utenti jipprovdu l-ebda informazzjoni dwar l-eżistenza jew l-identità tagħhom[13].

---

[12] Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1-22

[13] http://www.asktheeu.org/en/body/european_parliament

Kuntrarju għal xi liġijiet nazzjonali, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma fih l-ebda dispożizzjoni dwar applikazzjonijiet inġusti, abużivi jew li b'mod ċar mhumiex raġonevoli. Dan ma jirrikjedix lill-applikanti biex jipprovdu informazzjoni dwar l-identità tagħhom u lanqas biex jagħtu xi raġunijiet għat-talbiet tagħhom. Madankollu, f'xi ċirkostanzi, in-nuqqas ta' spjegazzjoni, li tista' tgħin lill-Parlament jidentifika d-dokumenti mitluba, jew in-nuqqas ta' xi identità għall-applikanti, jistgħu jsiru kwistjoni għat-trattament xieraq tat-talbiet.

Pereżempju, applikazzjonijiet għad-"*dokumenti kollha relatati ma'* " suġġett speċifiku jistgħu jirriżultaw f'piż amministrattiv eċċessiv, inkompatibbli mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. It-trattament tagħhom ta' spiss jirrikjedi riċerka fil-fond sabiex jiġu identifikati d-dokumenti kollha li huma potenzjalment rilevanti u l-kooperazzjoni ta' bosta dipartimenti parlamentari lil hinn mill-ħidma normali tagħhom. Barra minn hekk, ta' spiss huwa diffiċli, jekk mhux impossibbli, għall-Parlament sabiex jidentifika b'ċertezza liema dokumenti fil-fatt "*jirrelataw*" mas-suġġett ta' interess, fis-sens tal-applikazzjoni għall-aċċess tad-dokumenti.

Bl-istess mod, in-nuqqas ta' rekwiżiti għall-applikanti sabiex jagħtu prova tal-identità tagħhom hija libertà għal aġir abbużiv jew rikors abbużiv għal applikazzjonijiet għall-aċċess ta' dokumenti bħal talbiet fittizji jew ripetittivi minn indirizzi shell tal-email. F'każ speċifiku partikolari ġie skopert li l-istess persuna kienet qed tuża żewġ kontijiet tal-utent differenti fuq *AsktheEU.org* u bdiet tagħmel kummenti li kienu kkunsidrati bħala ksur tal-linji gwida dwar dak li huwa xieraq li jingħad fit-talbiet. Mingħajr ebda dispożizzjoni statutorja dwar kif wieħed għandu jaġixxi f'sitwazzjoni bħal din, il-Parlament ifittex li jsib soluzzjoni li tipproteġi d-dritt għall-aċċess tad-dokumenti u fl-istess waqt iġib fit-tmiem l-abbużi.

Għal dawn ir-raġunijiet, u bl-għan li jiġi ssalvagwardjat l-interess ta' amministrazzjoni tajba, fl-2016 il-Parlament ikkonsolida l-prattika tiegħu li jitlob lill-applikanti jipprovdu indirizz postali biex jinnotifikahom kif xieraq dwar rifjut għall-aċċess ta' dokumenti permezz ta' ittra rreġistrata b'dikjarazzjoni ta' rċevuta, u b'hekk tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

Fil-każ ta' talbiet li ma jkunux preċiżi biżżejjed, jew ta' applikazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dokument twil ħafna jew ma' numru kbir ħafna ta' dokumenti, l-uniċi alternattivi disponibbli għall-Istituzzjoni huma: 1) stedina għall-applikant sabiex jiċċara l-applikazzjoni (Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001), 2) il-possibbiltà li jitkellmu b'mod informali mal-applikant sabiex isibu soluzzjoni ġusta (Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001), u 3) f'każijiet eċċezzjonali, l-Istituzzjoni tista' testendi wkoll bi 15-il ġurnata ta' xogħol oħra l-iskadenza statutorja oriġinali għat-tweġiba. Madankollu, dawn il-possibbiltajiet jagħtu prova li mhux dejjem huma adegwati.

1) Kjarifika skont l-Artikolu 6(2)

Fil-każ ta' applikazzjonijiet li jirreferu għad-"dokumenti kollha" relatati ma' ċertu suġġett jew inkella ma' applikazzjonijiet mhux ċari, l-applikant jiġi pprovdut b'informazzjoni ġenerali dwar is-suġġett, links sabiex iniżżel dokumenti speċifiċi u mbagħad jiġi mistieden, sabiex jiċċara t-talba tiegħu, għall-Parlament sabiex ikun f'pożizzjoni li jipproċessaha.

2) "Tnaqqis" tal-kamp ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(3)

Fil-każ ta' talba għall-aċċess ta' numru kbir ta' dokumenti identifikati, l-applikant huwa mistieden li jnaqqas l-applikazzjoni għal ammont iżgħar ta' dokumenti, sabiex il-Parlament

ikun jista' jivvalutahom u jwieġeb sal-iskadenzi regolatorji, bil-possibbiltà għall-applikant li jintroduċi talbiet futuri.

Jekk l-applikant ma jaċċettax li jimxi f'din id-direzzjoni, imbagħad il-Parlament jista' jiddeċiedi li jirrifjuta l-aċċess tad-dokumenti fuq il-bażi ta' piż amministrattiv eċċessiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat mill-ġdid din il-possibbiltà f'żewġ każijiet li fihom il-volum tad-dokumenti jew tal-partijiet li għandhom jiġu ċċensurati jwassal għal ammont mhux raġonevoli ta' xogħol amministrattiv. F'dawk iż-żewġ każijiet partikolari ġie deċiż li l-prinċipju tal-proporzjonalità jippermetti lill-istituzzjonijiet biex jibbilanċjaw l-interess f'aċċess pubbliku kontra l-piż tax-xogħol ikkawżat mill-applikazzjoni, u l-istituzzjonijiet jistgħu jissalvagwardjaw l-interessi ta' amministrazzjoni tajba (Ara l-kawżi Hautala u Strack)[14].

3) F'każijiet eċċezzjonali, kif previst fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, Istituzzjoni tista' testendi wkoll l-iskadenza statutorja oriġinali għat-tweġiba bi 15-il jum tax-xogħol oħra.

Xi kultant il-Parlament jagħmel użu minn dik il-possibbiltà fejn jipproċessa applikazzjonijiet li huma partikolarment diffiċli, bħal applikazzjonijiet li jikkonċernaw numru kbir ta' dokumenti jew dokumenti kbar ħafna li jirrikjedu l-involviment u l-koordinazzjoni ta' numru akbar mis-soltu ta' servizzi tal-Parlament. Dawn l-estensjonijiet urew li huma utli jew saħansitra bżonjużi sabiex il-Parlament ikun jista' jivvaluta d-dokument kollha u jwieġeb lill-applikant fil-fatt u bil-liġi filwaqt li fl-istess waqt isegwi l-proċeduri interni tiegħu u jittratta l-ammont ta' xogħol tas-soltu tiegħu.

[14] Kawża T-14/98, Hautala vs Il-Kunsill, punt. 86; Kawża C-127/13 P, Strack vs Il-Kummissjoni, UE:C:2014:2250, punt 27.

## KAPITOLU III
***Id-deċiżjonijiet u l-Każistika tal-Ombudsman Ewropew***

### *1. Id-deċiżjoni tal-Ombudsman li tagħlaq l-ilment 1189/2016/JN*

Fl-2016 ġie pprezentat ilment wieħed lill-Ombudsman fir-rigward tat-trattament tal-applikazzjonijiet tal-Parlament għall-aċċess tad-dokumenti. Fil-bidu tas-sena, applikant ikkuntattja lill-Parlament Ewropew permezz ta' *AsktheEU.org* u talab aċċess għad-dokumenti relatati ma' delegazzjoni ta' grupp politiku. Il-Parlament wieġeb billi informa l-applikant li d-dokumenti ta' grupp politiku ma jinżammux mill-Istituzzjoni. Wara talba għal reviżjoni, ġiet ipprovduta deċiżjoni formali bil-posta rreġistrata. Sussegwentement l-ilmentatur talab lill-Parlament jippubblika d-deċiżjoni fuq *AsktheEU.org*. Madankollu, il-fatt li jittellgħu dokumenti fuq siti web esterni jaqa' barra mill-mandat tal-Parlament. Peress li l-ilmentatur ma rċieva ebda tweġiba, huwa rrikorra għand l-Ombudsman (Ilment 1189/2016/JN). L-Uffiċċju tal-Ombudsman għamel kuntatt mas-servizz rilevanti tal-Parlament Ewropew. Sussegwentement mbagħad is-servizz informa lill-ilmentatur kif xieraq. L-Ombudsman għalqet il-każ.

### *2. Eżami Ġuridiku*

Ma ġiet ippreżentata l-ebda azzjoni ġdida lill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' xi deċiżjoni tal-Parlament dwar l-aċċess tad-dokumenti. Madankollu, sa ma qed jinkiteb dan id-dokument, hemm tliet każijiet pendenti. Is-sentenzi huma mistennija fl-2017 jew l-2018.

1) <u>*Kawża T-136/15 - Evropäiki Dynamiki vs il-Parlament (proċeduri ta' akkwist pubbliku):*</u> L-azzjoni ġiet imressqa quddiem il-Qorti Ġenerali f'Marzu 2015 minn kuntrattur tal-kuntratt qafas ITS08 tal-IT (Provvista ta' Servizzi Esterni għas-Servizzi tal-IT), wara d-deċiżjoni tal-Parlament tat-13 ta' Frar 2015 li permezz tagħha dan irrifjuta li jagħti aċċess pubbliku għat-talbiet kollha għall-kwotazzjonijiet, inklużi l-annessi tekniċi tagħhom, maħruġa mill-Parlament Ewropew għal-lottijiet kollha tal-kuntratt qafas. Ir-rifjut tal-Parlament kien ibbażat fuq il-bżonn li tiġi protetta s-sigurtà pubblika, il-privatezza u l-integrità tal-individwi, l-interessi kummerċjali ta' partijiet terzi u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Is-seduta saret f'Jannar 2017;

2) <u>*Kawża T-540/15 - De Capitani vs il-Parlament (dokumenti tat-trilogu):*</u> L-azzjoni ġiet imressqa quddiem l-Qorti Ġenerali f'Settembru 2015, wara d-deċiżjoni tal-Parlament tat-8 ta' Lulju 2015 biex jipprovdi biss aċċess pubbliku parzjali għal żewġ dokumenti b'ħafna kolonni li jirrelataw ma' negozjati interistituzzjonali pendenti dwar il-proposta leġiżlattiva għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u t-Taħriġ (Europol). Il-proċedura bil-miktub hija magħluqa u s'issa ma saret l-ebda seduta;

3) <u>*Kawżi T-639/15 sa T-666/15 Ġurnalisti vs il-Parlament (allowance u nfiq tal-MEPs):*</u> F'Novembru 2015 ġew imressqa 29 azzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, wara d-deċiżjonijiet tal-Parlament li jirrifjuta li jagħti aċċess pubbliku għad-dokumenti kollha ta' sostenn dwar l-infiq u l-allowances tal-Membri fuq il-bażi ta' protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwi. Il-proċedura bil-miktub hija magħluqa u s'issa ma saret l-ebda seduta.

## *Kummenti Finali*

Fl-2016, il-Parlament stinka sabiex iżid aktar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Istituzzjoni filwaqt li fl-istess waqt jibbilanċja dak l-għan mad-dmir tal-Istituzzjoni sabiex tipproteġi l-interessi partikolari bħall-privatezza u l-integrità tal-individwi jew il-kapaċità tal-Istituzzjoni sabiex tieħu deċiżjonijiet. Peress li l-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà tad-dokumenti leġiżlattivi tjiebu matul l-aħħar ftit snin, b'mod partikolari grazzi għat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Parlament, is-sena 2016 ikkonfermat ix-xejra tal-applikanti bil-fokus ikun fuq l-aċċess pubbliku għad-dokumenti amministrattivi pjuttost milli fuq id-dokumenti leġiżlattivi. Din ix-xejra ta' spiss twassal lill-Parlament f'ambjenti li għad iridu jiġu esplorati. Sfidi ġodda u kwistjonijiet ġuridiċi jirriżultaw kull darba li l-applikanti jitolbu aċċess għal kategoriji ta' dokumenti li preċedentement ma ġewx divulgati lill-pubbliku.

Madankollu, iċ-ċifri tal-Parlament juru rata eċċezzjonalment baxxa ta' applikazzjonijiet konfermatorji matul l-aħħar ftit snin u b'mod partikolari fl-2016. Dan għandu tendenza li jindika li l-applikanti għall-aċċess ta' dokumenti ġeneralment huma ssodisfati bit-tweġibiet tal-Parlament għall-applikazzjonijiet tagħhom, anke fejn l-aċċess għal dokument huwa rifjutat fuq il-bażi ta' waħda mill-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess previst fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Kollox ma' kollox, il-valutazzjoni tal-arranġamenti li saru għall-pubbliku sabiex jaċċessa d-dokumenti tal-Parlament turi li fl-2016 l-għanijiet ta' trasparenza stabbiliti mit-Trattati komplew jintlaħqu mill-Istituzzjoni.